# *Animazzjoni – Il-Ħamsa u Għoxrin Ħadd ta' Matul is-Sena (Sena Ċ)*

**Dħul:**

Illum il-Knisja tiċċelebra l-Ħamsa u Għoxrin Ħadd ta' matul is-sena. Illum Ġesù jurina b'mod ċar li f'ħajjitna hemm bżonn nagħmlu għażla jew Alla jew il-flus, għalhekk ejjew waqt din il-quddiesa nitolbuh il-qawwa biex nagħmlu l-għażla t-tajba, filwaqt li nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Fl-ewwel qari naraw kif Alla iżomm il-kont ta' dawk li jikkalpestaw l-imsejkna, San Pawl imbgħad jgħidilna li għadna nitolbu għal kulħadd, għax kulħadd huwa imsejjaħ għas-salvazzjoni, fl-evanġelju illum Ġesù jurina kif għadna nużaw tajjeb il-ġid tad-dinja. Nisimgħu b'attenzjoni l-Kelma t'Alla.

**Salm Responsorjali:** Faħħru lill-Mulej, li jerfa' l-fqir.

**Offertorju:**

Kristu Ġesù, ta lilu nnifsu bħala prezz tal-fidwa għal kulħadd, qalilna San Pawl. F'dan il-mument inressqu l-offerti għal dan is-sagrifiċju, filwaqt li inkantaw flimkien.

**Tqarbin:**

Issa se nirċievu lil Ġesù ġo fina, imdawla mil-kelma tiegħu, ejjew nitolbu lil Ġesù f'qalbna biex ikun foqra f'qalbna ħalli inħobbu lillu u mhux lid-dinja. Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.